I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1193/2008

ta' l-1 ta' Diċembru 2008

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazji provviżorji imposti fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. **MIŻURI PROVVIŻORJI**

(1) Fl-4 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni ppubblikat avviż [2] li jibda proċediment anti-dumping fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"). Fit-3 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 488/2008 [3] ("ir-Regolament provviżorju") imponiet dazjuanti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-RPĊ.

(2) Huwa nnotat li l-proċediment inbeda wara li tressaq ilment mill-Kunsill Ewropew tal-Industrija Kimika (CEFIC) ("il-kwerelant") f'isem produttur li jirrappreżenta proporzjon kbir tal-produzzjoni totali tal-Komunità ta' aċidu ċitriku, f'dan il-każ aktar minn 25 %.

(3) Kif stabbilit fil-premessa (14) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2007 (il-"perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). Fir-rigward tax-xejriet relevanti għall-evalwazzjoni tal-ħsara, il-Kummissjoni analizzat id-data li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sa tmiem il-PI (il-"perjodu kkunsidrat").

B. **PROĊEDURA SUSSEGWENTI**

(4) Wara l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-RPĊ, bosta partijiet interessati ppreżentaw kummenti bil-miktub. Il-partijiet li għamlu din it-talba ngħataw ukoll l-opportunità li jinstemgħu.

(5) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għall-konklużjonijiet definittivi tagħha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni intensifikat l-investigazzjoni fir-rigward tal-aspetti ta' interess Komunitarju. F'dan ir-rigward, twettqet żjara ta' verifika addizzjonali wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji fl-istabbilimenti tal-utent ta' aċidu ċitriku fl-Unjoni Ewropea li ġej:

— Reckitt-Benckiser Corporate Services Ltd, Slough, ir-Renju Unit u Nowy Dwor, il-Polonja

Barra minn hekk, kif spjegat fid-dettall fil-premessa (11), twettqu żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-produtturi esportaturi li ġejjin:

— Laiwu Taihe Biochemistry Co. Ltd. ("Laiwu Taihe"), Laiwu City, Provinċja ta' Shandong

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU C 205, 4.9.2007, p. 14.
[3] ĠU L 143, 3.6.2008, p. 13.

— Weifang Ensign Industry Co. Ltd. ("Weifang Ensign"), Changle City, Provinċja ta' Shandong

(6) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tkun rakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-RPĊ u l-ġbir definittiv tal-ammonti assigurati permezz tad-dazju provviżorju. Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwentement għal dan l-iżvelar.

(7) Il-kummenti bil-fomm u bil-miktub ippreżentati millpartijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, il-konklużjonijiet ġew modifikati kif meħtieġ.

Ċ. **BIDU TAL-KAŻ, IL-PRODOTT KONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

(8) Produttur esportatur wieħed tenna d-dikjarazzjoni li l-verżjoni pubblika tal-ilment ma kien fiha l-ebda evidenza prima facie ta' ħsara materjali lill-industrija Komunitarja, li żżomm lill-partijiet interessati milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' difiża. Skont dan il-produttur esportatur, il-każ ma kellux jinbeda minħabba nuqqas ta' evidenza suffiċjenti inkluża fl-ilment. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-verżjoni pubblika tal-ilment fiha l-evidenza kollha essenzjali u s-sommarji mhux kunfidenzjali ta' data mogħtija taħt kopertura kunfidenzjali sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' difiża tul il-proċediment kollu. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi rifjutat.

(9) Xi partijiet interessati sostnew li l-prodott konċernat, kif stabbilit fil-premessa (16) tar-Regolament provviżorju, u l-prodott simili mhumiex l-istess kif dikjarat fil-premessa (18) tar-Regolament provviżorju billi ma jkunux jaqsmu l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u ma jintużawx għall-istess għanijiet. Skont dawn il-partijiet interessati d-dikjarazzjoni fil-premessa (18) tar-Regolament provviżorju tonqos milli tindirizza l-argumenti mressqa matul l-investigazzjoni u tmur kontra l-aġġustament li sar mill-Kummissjoni fil-kalkoli mnaqqsa sabiex jiġu separati ċerti kwantitajiet tal-prodott konċernat wara li jaslu fl-UE. L-ewwel nett hu nnotat li l-investigazzjoni wriet li l-prodott konċernat u l-prodott simili jintużaw it-tnejn li huma fl-istess applikazzjonijiet bażiċi, jiġifieri prinċipalment għat-tindif tad-dar (prodotti għall-ħasil awtomatiku tal-platti, diterġenti, rattaba tal-ilma) u bħala addittivi fl-ikel u fix-xorb, iżda wkoll fil-qasam tal-kura personali/-kożmetiċi. Id-dikjarazzjoni li l-prodott ma jkunx fil-fatt użat minn ċerti utenti fl-industrija tad-diterġenti, l-ikel u x-xorb minħabba r-riħa u/jew il-kulur tiegħu ma ġietx issostanzjata aktar b'evidenza. L-investigazzjoni wriet li f'applikazzjoni speċjalizzata waħda biss, jiġifieri l-qasam farmaċewtiku, l-aċidu ċitriku Ewropew biss kien tassew użat minħabba l-ispiża tat-test speċjali ta' konformità li huwa meħtieġ. Billi l-qasam farmaċewtiku jirrappreżenta biss porzjon żgħir tan-negozju totali tal-utenti, it-twettiq tat-test ta' konformità ma tqiesx deċiżjoni tan-negozju ekonomikament ġustifikabbli. It-tieni, mhemm l-ebda kontradizzjoni bejn l-aġġustament li sar fil-kalkolu mnaqqas sabiex jiġu separati partijiet tal-prodott konċernat wara l-importazzjoni kif imsemmi fil-premessa (64) tar-Regolament provviżorju u d-dikjarazzjoni li żewġ prodotti huma l-istess billi huwa biżżejjed li l-prodott konċernat u l-prodott simili jaqsmu l-istess karatteristiċi kimiċi, fiżiċi u tekniċi bażiċi u għandhom l-istess użi bażiċi li huwa l-każ. Huwa nnotat ukoll li t-tagħqid bħala tali ma jseħħx minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott Ċiniż, iżda jseħħ għax kull aċidu ċitriku, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, minħabba l-kompożizzjoni kimika tiegħu juri tendenza li jagħqad meta jiġi espost għall-umdità u l-bdil tat-temperatura. Billi naturalment il-prodott konċernat biss huwa espost tul perjodu itwal ta' żmien għall-umdità u l-bdil tat-temperatura waqt li jinġarr bil-baħar lejn l-UE, il-problema sseħħ prinċipalment għall-prodott konċernat, iżda mhux esklużivament. Għaldaqstant, l-aġġustament sempliċiment iqis il-fatt li s-separazzjoni toħloq spejjeż addizzjonali prinċipalment għall-prodott konċernat billi l-kwantitajiet li jintlaqtu mit-tagħqid jew jiġu sseparati (billi jkissru u jgħarblu jew idewbu l-prodott magħqud) qabel ma jsir aktar bejgħ jew jinbiegħu bi skont. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni għandha tiġi rrifjutata.

(10) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż definittivament li l-prodott konċernat u l-aċidu ċitriku prodott u mibjugħ fil-pajjiż analogu, il-Kanada, kif ukoll dak prodott u mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju huma l-istess, fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku u l-premessi (15) sa (17) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

D. **DUMPING**

1. **Ġenerali**

(11) Fl-istadju provviżorju tal-investigazzjoni ġew investigati d-dikjarazzjonijiet ta' Trattament ta' Ekonomija tas-Suq ("MET")/Trattament Individwali ("IT") tal-produtturi esportaturi magħrufa kollha. Numru biss ta' produtturi esportaturi kienu ġew inklużi fil-kampjun u kumpanija waħda

ngħatat eżami individwali. Fil-kummenti tagħhom għar-Regolament provviżorju għadd ta' partijiet iddikjaraw li din l-istrateġija għandha xi nuqqasijiet. Il-kwistjoni ġiet għalhekk kunsidrata mill-ġdid u, anki fid-dawl tal-fatt li sar possibbli, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ bħal pereżempju r-riżorsi disponibbli, sabiex jiżdied l-għadd ta' kumpaniji li jistgħu jiġu investigati b'mod raġonevoli, ġie deċiż finalment li ma għandux jiġi applikat teħid ta' kampjuni. Billi kull kumpanija li kkooperat ingħatat għall-inqas IT fl-istadju provviżorju, għandha tiġi stabbilita rata tad-dazju individwali għal kull waħda minnhom. Bħala konsegwenza, tliet kumpaniji mhux magħżula fil-kampjun jew eżaminati individwalment fl-istadju provviżorju ntalbu jippreżentaw it-tweġibiet għall-kwestjonarju. Madankollu, tnejn biss minn dawn il-kumpaniji ppreżentaw tweġiba għall-kwestjonarju. It-tielet kumpanija ma ppreżentatx tweġiba għall-kwestjonarju u ma ġietx investigata aktar.

2. **Trattament ta' Ekonomija tas-Suq ("MET")**

(12) Il-kumpanija msemmija fil-premessa (27) tar-Regolament provviżorju insistiet li s-sussidju msemmi fil-premessa ma kienx għall-għanijiet tal-prodott konċernat u li n-nuqqas ta' ħlas ta' kera kien iġġustifikat minn arranġamenti privati bejn il-gruppi għat-tpaċija ta' profitti mal-kera dovuta. Madankollu, fin-nuqqas ta' kull element jew tagħrif ġdid dwar il-kwistjoni, u fid-dawl tal-effetti li jxekklu l-kontabilità tal-prattiki msemmija rigward il-kera, il-konklużjonijiet fir-rigward ta' din il-kumpanija jibqgħu l-istess u huma b'dan definittivament konfermati.

(13) Wara l-iżvelar provviżorju grupp wieħed ta' kumpaniji msemmi fil-premessa (25) tar-Regolament provviżorju ddikjara li kien irċieva self fuq il-bażi ta' analiżi finanzjarja dettaljata ta' wieħed mill-banek u wara li ngħata klassifikazzjoni għolja tal-kreditu. Madankollu, il-fatt li bank b'mod formali wettaq analiżi u ta klassifikazzjoni għolja ta' kreditu ma jneħħix il-fatt li l-kumpanija kkonċernata tat garanziji lil kumpaniji oħra minkejja li ipotekat il-biċċa l-kbira tal-assi mhux kurrenti tagħha, u lanqas il-fatt li s-self mogħti lill-kumpanija kkonċernata ngħata minn bank li nstab li hu taħt influwenza tal-Istat. Għaldaqstant, il-konklużjonijiet fir-rigward ta' din il-kumpanija jibqgħu l-istess u huma b'dan definittivament konfermati.

(14) Waħda mill-kumpaniji msemmija fil-premessa (26) tar-Regolament provviżorju insistiet li ġiet ippenalizzata għall-fatt li l-azzjonist maġġoritarju tagħha kien kiseb drittijiet tal-użu tal-art għal prezz tajjeb u mbagħad b'mod korrett ivvalutahom mill-ġdid skont l-iżviluppi fil-prezz tas-suq. Madankollu, id-differenza enormi bejn il-prezz tal-akkwist u l-valutazzjonijiet sussegwenti (1 000-2 000 %) ma setgħetx tiġi spjegata. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' xi elementi jew tagħrif ġdid dwar l-akkwist u r-rivalutazzjoni sussegwenti tad-drittijiet tal-użu tal-art u fid-dawl tal-vantaġġi li l-kumpanija rċeviet billi kisbet l-assi għal prezzijiet ferm inqas mill-valur tas-suq, il-konklużjonijiet fir-rigward ta' din il-kumpanija jibqgħu l-istess u huma b'dan definittivament konfermati.

(15) Fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor dwar il-MET, il-premessi (25) sa (30) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

3. **Trattament Individwali ("IT")**

(16) Ħames kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji li ma ngħatawx il-MET issodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku u ngħataw l-IT. Kumpanija waħda li ngħatat l-IT b'mod provviżorju, naqset milli tikkoopera aktar u, għalhekk, finalment ma ngħatat l-ebda IT (ara l-premessi (11) u (34)).

4. **Valur normali**

(17) Kif spjegat fil-premessa (11), wara l-kummenti għar-Regolament provviżorju ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma għandux jiġi applikat u t-tliet kumpaniji mhux magħżula fil-kampjun jew eżaminati individwalment fl-istadju provviżorju ntalbu sabiex jippreżentaw it-tweġibiet għall-kwestjonarju. Il-valur normali ġie stabbilit għal waħda minn dawn il-kumpaniji (Laiwu Taihe), li ngħatat il-MET u li ppreżentat tweġiba għall-kwestjonarju.

4.1. *Il-kumpaniji jew il-gruppi ta' kumpaniji li setgħu jingħataw il-MET*

(18) Billi l-unika kumpanija li setgħet tingħata l-MET u li ġiet eżaminata individwalment fl-istadju provviżorju tal-investigazzjoni ma ppreżentat l-ebda kumment dwar il-valur normali, il-konklużjonijiet fil-premessi (35) sa (39) tar-Regolament provviżorju huma b'dan b'dan definittivament konfermati.

(19) Fir-rigward tal-unika kumpanija oħra li ngħatat il-MET (Laiwu Taihe) u li ġiet investigata aktar għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (11), l-ewwel ġie vverifikat jekk il-bejgħ domestiku totali tal-kumpanija tal-prodott simili kienx rappreżentattiv fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku tal-prodott simili kien ftit inqas minn 5 % tal-esportazzjonijiet tal-prodott konċernat lejn il-Komunità. Madankollu, dan il-proporzjon aktar baxx huwa xorta waħda kbir biżżejjed sabiex jipprovdi għal tqabbil xieraq u l-prezzijiet domestiċi tal-prodott simili jitqiesu rappreżentattivi wkoll minħabba l-bejgħ domestiku ġenerali tal-kumpanija konċernata. Għaldaqstant, dawn intużaw sabiex jiddeterminaw il-valur normali.

(20) Għal kull tip ta' prodott għall-esportazzjoni lejn il-Komunità minn Laiwu Taihe, ġie stabbilit jekk inbiegħx tip ta' prodott direttament komparabbli fis-suq domestiku. It-tipi ta' prodott tqiesu li huma direttament komparabbli meta kienu tal-istess tip ta' prodott (definiti mill-kompożizzjoni kimika), granulazzjoni u ppakkjar komparabbli. Ġie stabbilit li għal tip wieħed biss ta' prodott għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, inbiegħ tip ta' prodott direttament komparabbli fis-suq domestiku.

(21) Sussegwentement ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' dan it-tip ta' prodott jistax jitqies bħala bejgħ li sar fl-andament normali tal-kummerċ taħt l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Ġie stabbilit li kien hemm bejgħ domestiku bi profitt ta' dan it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-PI, u għalhekk fl-andament normali tal-kummerċ.

(22) Billi l-volum ta' bejgħ bi profitt ta' dan it-tip ta' prodott kien jirrappreżenta 80 % jew anqas tal-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip, il-valur normali kien imsejjes fuq il-prezz domestiku effettiv, kalkolat bħala medja differenzjata tal-bejgħ bi profitt ta' dak it-tip biss.

(23) Billi l-prezzijiet domestiċi ta' Laiwu Taihe ma setgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-valur normali għat-tipi l-oħra ta' prodotti, il-valur normali ġie kostrutt konformement mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

(24) Meta jiġi kostrutt il-valur normali taħt l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, l-ammonti għall-ispejjeż ġenerali, amministrattivi ("SG'A") u ta' bejgħ u għall-profitti ġew imsejsa, taħt l-Artikolu 2(6) l-ewwel subparagrafu introduttorju tar-Regolament bażiku, fuq id-data effettiva marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili, minn Laiwu Taihe.

4.2. *Il-kumpaniji jew il-gruppi ta' kumpaniji li ma setgħux jingħataw MET*

(25) Fil-kummenti tagħhom għar-Regolament provviżorju, xi partijiet iddikjaraw li l-Kanada ma tkunx pajjiż analogu xieraq minħabba l-fatt li l-Istati Uniti tal-Amerika ("US") dan l-aħħar taw bidu għal proċediment anti-dumping kontra l-aċidu ċitriku li joriġina inter alia mill-Kanada. It-Tajlandja għalhekk tressqet għal darb'oħra bħala pajjiż analogu alternattiv. Madankollu, l-analiżi wriet li filwaqt li l-miżuri anti-dumping fuq l-aċidu ċitriku li joriġina mill-Kanada ma kinux fis-seħħ matul il-PI, il-miżuri anti-dumping kienu fis-seħħ matul il-PI fuq l-aċidu ċitriku li joriġina mit-Tajlandja. Dawn il-miżuri tal-aħħar ġew imposti mill-Indja u kkonsistew f'dazji sostanzjali tal-anti-dumping ta' USD 374,36 għal kull tunnellata, li skadew biss f'Awwissu 2007, jiġifieri xahrejn wara tmiem il-PI. Għaldaqstant, meta jitqiesu wkoll l-argumenti li ssemmew diġà fil-premessi (42) u (43) tar-Regolament provviżorju u l-fatt li l-investigazzjoni tal-Istati Uniti fuq l-aċidu ċitriku li joriġina mill-Kanada kienet għadha għaddejja waqt li kienet qed tiġi ffinalizzata l-investigazzjoni Komunitarja, huwa konkluż li mhemm l-ebda raġuni għaliex it-Tajlandja għandha tkun ippreferuta għall-Kanada bħala pajjiż analogu.

(26) Taħt l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għall-produtturi esportaturi msemmija fil-premessa (11) li ma ngħatawx MET kellu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet jew tal-valur mibni f'pajjiż analogu.

5. **Prezz tal-Esportazzjoni**

(27) Fil-każ taż-żewġ kumpaniji li ġew investigati aktar għarraġunijiet spjegati fil-premessa (11) hawn fuq, il-prezz ta' esportazzjoni ġie stabbilit skont l-istess metodoloġija spjegata fil-premessi (45) sa (47) tar-Regolament provviżorju.

(28) Billi l-ebda kumpanija ma ressqet xi kummenti dwar il-prezzijiet ta' esportazzjoni, il-konklużjonijiet li jinsabu fil-premessi (45) sa (47) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

6. **Tqabbil**

(29) Fil-kummenti tiegħu għar-Regolament provviżorju u għall-iżvelar definittiv, grupp wieħed ta' kumpaniji kkontesta t-tnaqqis ta' kummissjoni ipotetika għall-bejgħ permezz ta' kummerċjant fir-RPĊ, billi l-kummerċjant kien parti integrali tal-grupp. Ġie, madankollu, stabbilit li l-kumpanija kummerċjali tassew wettqet il-funzjoni ta' kummerċjant indipendenti, u li l-riżultat ekonomiku tar-relazzjoni taż-żewġ kumpaniji huwa dak ta' prinċipal u aġent. Ġie stabbilit li l-kummerċjant ma kienx qed jinnegozja biss prodotti mmanifatturati minn kumpaniji relatati, iżda wkoll prodotti mmanifatturati minn produtturi indipendenti. Barra minn hekk, il-kumpanija kkonċernata biegħet ukoll direttament lil klijenti mhux relatati. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ma ġietx milqugħa, u taħt l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku, tnaqqset *allowance* msejsa fuq l-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ u fuq il-profitt ta' importaturi mhux relatati.

(30) Fil-kummenti tiegħu għar-Regolament provviżorju, produttur esportatur wieħed talab sabiex ma tiġix kunsidrata l-ispiża tal-kambju tal-munita, taħt l-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku, u l-esportaturi għandhom jingħataw 60 jum sabiex jirriflettu ċaqliq sostnut fir-rati tal-kambju matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Din id-dikjarazzjoni setgħet tiġi aċċettata, u l-marġni ta' dumping tal-produttur esportatur ġie aġġustat kif meħtieġ.

(31) Fir-Regolament provviżorju, twettaq tnaqqis fil-prezz tal-esportazzjoni fir-rigward tal-VAT mhux rimborsabbli li trid titħallas fuq il-bejgħ tal-esportazzjoni, taħt l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku. Produttur esportatur wieħed iddikjara fil-kummenti tiegħu għar-Regolament provviżorju li ma kellu jsir l-ebda aġġustament bħal dan fil-prezz tal-esportazzjoni, billi l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku jkollu x'jaqsam biss mal-valur normali. Huwa rikonoxxut li l-aġġustament stipulat taħt l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku jirriferi biss għall-kalkolu tal-valur normali. Fil-fatt it-tnaqqis fil-prezz tal-esportazzjoni, imsemmi hawn fuq, huwa dovut u għandu jsir skont l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku. Waqt li kienet qed tiġi eżaminata din d-dikjarazzjoni, instab li kien sar żball klerikali fil-kalkolu tal-aġġustament għall-kumpanija kkonċernata, u li l-istess żball kien sar fir-rigward ta' kumpaniji oħra. Dawn l-ineżattezzi ġew irrettifikati u wasslu għal tiswijiet kemmxejn 'l isfel fil-marġnijiet ta' dumping li ġew kalkolati qabel għal dawn il-kumpaniji.

(32) Fl-eżami tad-dikjarazzjoni msemmija fil-premessa (31), instab li l-aġġustament meħtieġ ma kienx sar fil-każ ta' kumpanija waħda li ngħatat trattament individwali. Din ġiet irretifikata u tirriżulta f'żieda żgħira fil-marġni ta' dumping għal dik il-kumpanija.

(33) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra fir-rigward tat-tqabbil, u apparti t-tibdil indikat fil-premessi (30), (31) u (32) hawn fuq, il-premessi (48) sa (50) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

7. **Il-marġni ta' dumping**

(34) Fil-każ taż-żewġ kumpaniji li ġew investigati aktar għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (11) hawn fuq, il-marġni ta' dumping ġie stabbilit konformement mal-istess metodoloġija spjegata fil-premessa (51) tar-Regolament provviżorju. Fil-każ tal-kumpanija waħda li ma ppreżentatx tweġiba għall-kwestjonarju u ma ġietx investigata aktar, kif spjegat fil-premessa (11) hawn fuq, din il-kumpanija titqies li ma kkooperatx u l-konklużjonijiet huma msejsa fuq il-fatti disponibbli konformement mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, meta jitqies il-livell għoli ta' kooperazzjoni msemmi fil-premessa (19) tar-Regolament provviżorju, il-kumpanija ġiet attribwita l-oġħla marġni ta' dumping misjub fir-rigward tal-kumpaniji l-oħra kollha.

(35) Il-marġnijiet ta' dumping tal-kumpaniji kollha li diġà ġew investigati individwalment fl-istadju provviżorju ġew kalkolati mill-ġdid, sabiex jiġu kkoreġuti l-ineżattezzi msemmija fil-premessi (30), (31) u (32). Dan il-kalkolu mill-ġdid wassal għal tiswijiet żgħar fil-marġnijiet ta' dumping.

(36) Fin-nuqqas ta' xi element ġdid, il-konklużjonijiet fil-premessa (53) tar-Regolament provviżorju, li għandu x'jaqsam mal-livell ta' kooperazzjoni, huma b'dan definittivament konfermati.

(37) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping definittiv espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, huma:

Kumpanija	Marġni ta' dumping definittiv (%)
Anhui BBCA Biochemical Co. Ltd	58,1
DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd	19,1
RZBC Co. Ltd	59,8
RZBC (Juxian) Co. Ltd	59,8
TTCA Co. Ltd	57,1
Yixing Union Biochemical Co. Ltd	55,7
Laiwu Taihe Biochemistry Co. Ltd	6,6
Weifang Ensign Industry Co. Ltd	53,5
Il-kumpaniji l-oħra kollha	59,8

E. **ĦSARA**

1. **Il-produzzjoni Komunitarja u l-industrija Komunitarja**

(38) Xi partijiet interessati ddikjaraw li SA Citrique Belge NV waqqfet il-produzzjoni wara l-PI u kienet qed tinnegozja biss il-prodott konċernat importat mill-kumpanija relatata tagħha fiċ-Ċina (DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd), u argumentaw, għalhekk li SA Citrique Belge NV ma għandhiex tagħmel parti mill-industrija Komunitarja. Din id-dikjarazzjoni madankollu ma ġiet issostanzjata bl-ebda evidenza u mid-data ppreżentata minn SA Citrique Belge NV, jirriżulta li l-kumpanija ssoktat bil-produzzjoni.

(39) Parti interessata waħda ilmentat ukoll li fil-premessa 56 tar-Regolament provviżorju ngħatat biss firxa ta' importazzjonijiet ta' SA Citrique Belge NV mill-produttur Ċiniż relatat tagħha matul il-PI. Din il-parti ddikjarat li x-xejra tal-importazzjonijiet kollha tal-industrija Komunitarja minn kumpaniji relatati u mhux relatati għandha tingħata għall-perjodu kollu kunsidrat billi l-importazzjonijiet jikkostitwixxu fattur importanti għall-evalwazzjoni tal-produzzjoni Komunitarja u konsegwentement għall-konklużjoni tal-eżistenza tal-ħsara. L-investigazzjoni tassew uriet li matul il-perjodu kollu kunsidrat l-importazzjonijiet tal-industrija Komunitarja ma kinux sinifikanti, jiġifieri bejn 1 % u 6 % tal-produzzjoni – din il-firxa tingħata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Għaldaqstant l-argument ma għandux jintlaqa' u l-premessi (55) sa (58) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

2. **Il-konsum Komunitarju**

(40) Billi ma wasal l-ebda tagħrif ġdid u ssostanzjat fir-rigward tal-konsum Komunitarju, il-premessi (59) u (60) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

3. **L-importazzjonijiet mill-pajjiż konċernat**

(a) *Volum u sehem tas-suq tal-importazzjonijiet konċernati, il-prezzijiet tal-importazzjoni*

(41) Fir-rigward tal-volumi ta' importazzjoni, tas-sehem tas-suq u tal-prezzijiet, ma nstab u ma wasal l-ebda tagħrif ġdid u ssostanzjat, għaldaqstant, u fin-nuqqas ta' xi dikjarazzjoni jew argument minn kull parti interessata b'rabta mal-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet konċernati, il-premessi (61) sa (63) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

(b) *Tnaqqis tal-prezzijiet*

(42) Matul l-istadju provviżorju tal-investigazzjoni, sabiex jiġu mqabbla l-prodott konċernat u l-aċidu ċitriku prodott mill-industrija Komunitarja fl-istess livell ta' kummerċ, sar aġġustament għaż-żieda (inklużi l-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ) ta' importaturi mhux relatati fil-kalkoli tat-tnaqqis tal-prezzijiet u, barra minn hekk, sar aġġustament għall-ispejjeż ta' trattament speċjali mġarrba mill-importaturi fil-Komunità sabiex jisseparaw ċerti volumi tal-prodott konċernat qabel ma jsir aktar bejgħ. Madankollu, minħabba reviżjoni żgħira tad-data li tikkonċerna l-livell ta' aġġustament kummerċjali, il-medja differenzjata tal-marġni ta' tnaqqis tal-prezzijiet li ġiet kalkolata u nstabet li hija 17,42 %, ġiet riveduta 'l isfel għal 16,54 %.

(43) Wara l-iżvelar finali, produttur Komunitarju wieħed iddikjara li l-livell ta' aġġustamenti kummerċjali għandhom isiru wkoll b'rabta mal-bejgħ tal-industrija Komunitarja, jiġifieri li għandu jitqies il-bejgħ tagħha li jsir permezz tal-kummerċjanti. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li livell ta' aġġustament kummerċjali kien sar tabilħaqq għall-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija Komunitarja qabel ma jitqabblu mal-prezzijiet tal-importazzjoni tal-prodott konċernat.

(44) L-istess produttur Komunitarju talab ukoll li l-aġġustament għal spejjeż ta' trattament speċjali sabiex jiġu separati ċerti volumi tal-prodott konċernat għandu japplika wkoll għall-prodott simili. Madankollu, din it-talba ma ġietx issostanzjata aktar b'data dwar l-ispejjeż speċifiċi mġarrba minn dan il-produttur Komunitarju u, għalhekk, ma setgħetx tintlaqa'. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-premessa (64) tar-Regolament provviżorju hija b'dan definittivament konfermata.

4. **Il-qagħda tal-industrija Komunitarja**

(a) *Ġenerali*

(45) Xi partijiet interessati ddikjaraw li l-Kummissjoni ma kinitx analizzat b'mod komplet l-indikaturi kollha ta' ħsara u għalhekk, ma ġiet stabbilita l-ebda rabta xierqa u kompleta bejn il-qagħda tal-industrija Komunitarja u l-importazzjonijiet Ċiniżi. B'mod partikolari, ġie ddikjarat li ma kienet saret l-ebda evalwazzjoni tal-iżviluppi pożittivi ta' ċerti indikaturi ta' ħsara. Ta' min jinnota li għalkemm xi indikaturi ta' ħsara juru żvilupp pożittiv li ġie rikonoxxut fil-premessa (79) tar-Regolament provviżorju, l-istampa ġenerali tindika deterjorament tal-qagħda tal-industrija Komunitarja. It-titjib moderat tal-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ u l-livelli tal-prezz tal-unità kif ukoll l-effiċjenza akbar tan-nefqa deskritta fil-premessa (76) tar-Regolament provviżorju jirriflettu l-isforzi tal-produtturi Komunitarji sabiex jibqgħu kompetittivi matul il-perjodu kkunsidrat u sabiex jibbenefikaw miż-żieda fil-konsum. Madankollu, kif jista' jidher fil-premessa (68) tar-Regolament provviżorju, minkejja dawn l-isforzi l-industrija Komunitarja tilfet ħames punti perċentwali (jiġifieri s-sehem tas-suq naqas minn 54 % għal 49 %) tas-sehem tagħha tas-suq li ttieħed prinċipalment mill-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx u li huma l-oġġett ta' dumping. Bħala fattur aggravanti, jissemma wkoll li l-industrija Komunitarja setgħet tistenna li tikseb xi parti missehem tas-suq miżmum minn dawk it-tliet produtturi Komunitarji tal-aċidu ċitriku li ngħalqu sa mill-2004. Iżda għalll-kuntrarju, l-industrija Komunitarja la setgħet tieħu f'idejha l-klijenti mit-tliet produtturi magħluqa tal-KE, u lanqas tibbenefika miż-żieda fil-konsum. Din it-telfa sinifikanti tas-sehem tas-suq flimkien mal-indikaturi finanzjarji ta' deterjorament ċar, jiġifieri l-profittabilità, il-qligħ mill-investiment u l-likwidità, juru li l-qagħda ġenerali tal-industrija Komunitarja marret lura tul il-perjodu kkunsidrat u dehret li kienet fl-aqħar tagħha matul il-PI. Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-istokkijiet ma jistax jitqies bħala żvilupp pożittiv tal-qagħda tal-industrija Komunitarja f'dan il-każ billi ma jistax jitqies bħala indikatur sinifikanti, minħabba n-natura tal-prodott li ma tippermettix ħżin fit-tul.

(b) *L-investiment u l-kapaċità li jinġabar il-kapital*

(46) Parti interessata waħda argumentat li l-investimenti mhumiex kostanti f'dan il-qasam iżda jsegwu ċerti ċikli tal-investimenti. Filwaqt li anki taħt kundizzjonijiet normali tas-suq wieħed żgur ma jistax jistenna li jsiru investimenti importanti kull sena, il-fatt li tul il-perjodu kollu l-ebda wieħed mill-produtturi Komunitarji li fadal ma wettaq xi investiment importanti jitqies bħala sinjal li l-profittabilità baxxa (li nbidlet f'telf sa mill-2006) ma ppermettiet li jsir l-ebda investiment importanti. Għaldaqstant jitqies li l-investiment huwa indikatur ta' ħsara partikolarment sinifikanti f'dan il-każ.

(47) Fl-aħħar nett, għandha titqies il-ħila tal-produtturi Komunitarji li jiġbru l-kapital. F'dan ir-rigward l-investigazzjoni wriet li ż-żewġ produtturi Komunitarji, minħabba d-deterjorament tal-ambjent tan-negozju tal-aċidu ċitriku, kellhom diffikultajiet sabiex jiġbru l-kapital.

(48) Parti interessata waħda ddikjarat li l-kwerelant kien għall-inqas kapaċi jiġbor il-kapital għal prodotti billi ħabbar fi Frar 2007 il-bini ta' impjant ġdid tal-glukożju. F'dan ir-rigward huwa nnotat li l-ambitu tal-investigazzjoni hu limitat għall-ħila li jinġabar il-kapital b'rabta mal-prodott konċernat, jiġifieri l-aċidu ċitriku, li deher li ntlaqat b'mod negattiv mill-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja.

(49) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni stabbilita fil-premessa (72) tar-Regolament provviżorju fuq l-investiment tal-industrija Komunitarja hija b'dan definittivament konfermata.

(c) *Il-profittabilità u l-qligħ mill-investiment*

(50) Parti interessata waħda ddikjarat li l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (73) tar-Regolament provviżorju ma setgħux jiġu rikonċiljati mal-kontijiet taż-żewġ produtturi Komunitarji b'mod partikolari l-ebda wieħed mill-kontijiet ma kien juri l-ispiża straordinarja ta' ristrutturar imsemmija. F'dan ir-rigward, huwa nnotat li, tul il-perjodu kollu kunsidrat, ir-riżultat straordinarju ta' produttur Komunitarju wieħed intlaqat fil-biċċa l-kbira mill-isforzi ta' ristrutturar, li ġie ppreżentat fil-kontijiet jew bħala nefqa jew bħala dħul, abbażi ta' jekk jikkonċernax iż-żieda jew ir-rilaxx ta' dispożizzjoni u bi drittijiet imħallsa lill-kumpanija prinċipali fl-Iżvizzera. Għaldaqstant, tqies li jkun aktar xieraq li jintuża r-riżultat operattiv bħala bażi għall-analiżi tal-ħsara minflok il-profitt nett.

(51) L-istess parti ddikjarat li l-multa għal imġiba antikompetittiva li ġiet imposta fl-2005 fuq iż-żewġ kumpaniji prinċipali tal-produtturi Komunitarji setgħet influwenzat il-qagħda tal-profitti tal-industrija Komunitarja. Kull effett li joħroġ mill-multa (kemm iż-żieda kif ukoll ir-rilaxx ta' dispożizzjonijiet) ġie rreġistrat taħt riżultat straordinarju. Kif imsemmi fil-premessa (50), ir-riżultat operattiv intuża bħala indikatur tal-ħsara f'dan il-proċediment. Għaldaqstant, il-multa li ġiet imposta fuq il-produtturi Komunitarji, ma setgħetx affettwat il-qagħda tal-profitti użata fl-analiżi tal-ħsara. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-industrija Komunitarja kienet qed tagħmel it-telf sa mill-2006 sa tmiem il-PI. Għalhekk, ix-xejriet kif ippreżentati fir-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

(52) Bosta partijiet interessati indikaw xi inkonsistenza bejn ix-xejra li tikkonċerna l-profittabilità u l-qligħ mill-investiment. Tassew, b'kuntrast mal-profittabilità li ġiet stabbilita bl-espressjoni tal-profitt operattiv fuq il-bejgħ tal-prodott simili għal klijenti mhux relatati bħala perċentwali tal-fatturat ta' dan il-bejgħ, il-qligħ mill-investiment ġie kkalkolat bħala l-profitt nett f'perċentwali tal-valur nett tal-kontabilità tal-investimenti. sabiex ikun hemm konsistenza fil-kalkolu tal-indikaturi kollha ta' ħsara, il-kalkolu tal-qligħ mill-investiment ġie rivedut, fuq il-bażi tal-profitt operattiv f'perċentwali tal-valur nett tal-kontabilità tal-investimenti. Il-figuri riveduti huma kif ġej:

	2004	2005	2006	PI
Qligħ mill-investimenti totali (indiċi)	100	148	– 147	– 207

(53) Iċ-ċifri kkoreġuti madankollu jsegwu l-istess xejra u għalhekk ma jbiddlux il-konklużjoni mfassla fil-premessa 74 tar-Regolament provviżorju, li hija b'dan definittivament konfermata.

5. **Il-konklużjoni dwar il-ħsara**

(54) Fin-nuqqas ta' xi tagħrif jew argumenti ġodda u ssostanzjati dwar il-produzzjoni, il-volum ta' bejgħ, l-ishma tas-suq, il-prezz unitarju tal-bejgħ, l-istokkijiet, il-likwidità, l-impjiegi, il-produttività, il-pagi u l-kobor tal-marġni ta' dumping, il-konklużjonijiet fil-premessi (66) sa (71), (73) u (75) sa (78) tar-Regolament provviżorju huma

b'dan konfermati definittivament. Barra minn hekk, iċ-ċifri kkoreġuti mogħtija għall-qligħ mill-investiment ma jaffettwawx ix-xejriet kif stabbiliti fil-premessi (73) sa (74) tar-Regolament provviżorju. Għaldaqstant, meta jitiqiesu l-indikaturi finanzjarji ta' deterjorament ċar, bħall-profittabilità, il-qligħ mill-investiment u l-likwidità flimkien ma' telf sinifikanti tas-sehem tas-suq, il-konklużjoni stabbilita fil-premessa 81 tar-Regolament provviżorju li l-industrija Komunitarja ġarrbet ħsara materjali hija b'dan definittivament konfermata.

F. KAWŻALITÀ

1. L-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

(55) Kif issemma fil-premessa (42) hawn fuq, huwa definittivament konklużi li matul il-PI, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-RPĊ waqqgħu l-prezzijiet medji tal-industrija Komunitarja medja. Wara li saret reviżjoni żgħira fil-kalkoli, il-marġni medju ta' tnaqqis instab li kien 16,54 %. Din ir-reviżjoni kemmxejn 'l isfel ma tistax taffettwa l-konklużjonijiet dwar l-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping stabbiliti fil-premessi (83) sa (85) tar-Regolament provviżorju, li huma b'dan definittivament konfermati.

2. L-effett ta' fatturi oħra

(a) *Ħsara kkaġunata mill-industrija stess*

(56) Xi importaturi ddikjaraw li l-industrija Komunitarja wettqet hi stess il-ħsara lilha nnfisha billi segwiet strateġija ta' "prezz fuq il-volum", jiġifieri sabiex taqdi biss lill-parti superjuri tas-suq, filwaqt li toqgħod lura milli tipproduċi jew tbiegħ il-prodott inferjuri. Skont l-istess importaturi l-konsegwenza kienet li l-industrija Komunitarja ma setgħetx tibbenefika mid-domanda akbar ta' aċidu ċitriku inferjuri, u b'hekk tilfet is-sehem tas-suq u ddeterjorat ir-rendiment finanzjarju tagħha. L-investigazzjoni madankollu wriet li kemm il-prodott konċernat kif ukoll il-prodott simili jintużaw bażikament fl-istess applikazzjonijiet u jikkompetu prinċipalment fl-istess qasam (ara l-premessa (9)), bl-eċċezzjoni ta' suq wieħed speċjalizzat li jirrappreżenta porzjon żgħir tas-sehem tas-suq Ewropew tal-aċidu ċitriku, li s'issa ġie fornut biss mill-industrija Komunitarja. L-investigazzjoni stabbiliet tassew li l-industrija Komunitarja kienet preżenti fil-parti inferjuri tas-suq. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi rifjutat.

(57) Barra minn hekk, xi partijiet interessati qiesu n-nuqqas ta' kull investiment matul il-perjodu kkunsidrat u b'mod partikolari matul is-snin meta l-industrija Komunitarja kisbet riżultati aħjar, jiġifieri l-2004-2005, bħala fattur li kkontribwixxa għat-telf tas-sehem tas-suq u konsegwentement għad-deterjorament tas-sitwazzjoni. L-investigazzjoni wriet li l-industrija Komunitarja ma operatx bil-kapaċità kollha tagħha u li l-użu tal-kapaċità kien stabbli matul il-perjodu kollu kunsidrat. Għaldaqstant, xi żieda fil-produzzjoni setgħet tkun possibbli fil-każ ta' domanda aktar b'saħħitha mingħajr aktar investimenti. Barra minn hekk, billi l-profittabilità tal-industrija Komunitarja ma kinitx biżżejjed, jiġifieri taħt il-mira ta' profitt, tul il-perjodu kollu kunsidrat u nbidlet saħansitra f'waħda negattiva, wieħed iqis li tkun deċiżjoni ta' negozju ekonomikament ġustifikabbli li ma tinvestix ammonti sinifikanti fil-produzzjoni tal-prodott simili. Dan l-argument għaldaqstant mhuwiex konvinċenti u għandu jiġi rifjutat.

(b) *Iż-żieda fl-ispejjeż ta' materja prima, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija*

(58) Kważi l-partijiet kollha interessati tennew id-dikjarazzjonijiet tagħhom li kull ħsara misjuba tkun dovuta għar-riforma tas-suq taz-zokkor u l-abolizzjoni konsegwenti tar-rimborsi ta' produzzjoni fl-2006 u/jew iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija.

(59) Parti interessata waħda ddikjarat li fir-rapport annwali ta' produttur Komunitarju wieħed relatat mal-2007, ġie ddikjarat li d-disponibbiltà tal-materja prima kienet limitata minħabba s-sistema Ewropea taz-zokkor li rriżultat fi spiża ogħla. F'dan ir-rigward, hu nnotat li l-produttur Komunitarju msemmi ma jużax iz-zokkor bħala l-materja prima ewlenija, iżda ġulepp u kif spjegat fil-premessa (89) tar-Regolament provviżorju għaldaqstant qatt ma kien suġġett għal rimborsi ta' produzzjoni. Iż-żieda fl-ispiża għall-ġulepp madankollu ma kinitx sostanzjali, iżda tikkorrispondi għaż-żieda fil-prezzijiet tas-suq dinji għaz-zokkor. Fir-rigward tal-qagħda tal-produttur Komunitarju l-ieħor li ġiet deskritta fid-dettall fil-premessi (90) sa (94) tar-Regolament provviżorju, ma wasal l-ebda tagħrif jew argument ġdid jew issostanzjat. Il-konklużjoni ġenerali stabbilita fil-premessa (93) li r-riforma tas-suq taz-zokkor ma kellha l-ebda impatt konsiderevoli fuq il-qagħda tal-ispejjeż tal-industrija Komunitarja hija b'dan definittivament konfermata.

(60) L-istess parti interessata ddikjarat li tassew ikun hemm rabta bejn il-prezzijiet taz-zokkor u l-produzzjoni tal-bijokarburanti billi dan ġie rikonoxxut fi studju tal-Kummissjoni dwar "Il-kawżi tal-Kriżi tal-Prezzijiet tal-Ikel" ([1]). F'dan ir-rigward huwa nnotat li l-Kummissjoni, kif diġà ġie ddikjarat fil-premessa (98) tar-Regolament provviżorju, kellha aċċess għad-data dwar l-ispiża taż-żewġ produtturi Komunitarji u għalhekk kienet f'pożizzjoni li tanalizza l-ispiża konkreta ta' materja prima għaż-żewġ produtturi Komunitarji rigward il-produzzjoni ta'

([1]) Il-Kummissjoni Ewropea "Il-Kawżi tal-Kriżi tal-Prezzijiet tal-Ikel: Iz-zokkor", 20 ta' Mejju 2008, http://ec.europa.eu/agriculture/analysis/perspevct/foodprice/sugar_en.pdf

aċidu ċitriku. Kull rabta bejn il-prezzijiet taz-zokkor u l-produzzjoni ta' bijokarburanti ġiet għalhekk investigata u tqieset fl-istima tal-impatt tar-riforma tas-suq taz-zokkor tal-UE u ż-żieda fil-produzzjoni ta' bijokarburanti. Fuq din il-bażi, jista' jiġi konkluż u huwa b'dan konfermat definittivament li dawn il-fatturi ma kellhom l-ebda impatt konsiderevoli fuq il-ħsara misjuba u mġarrba mill-industrija Komunitarja.

(61) Barra minn hekk, għandu jiġi ddikjarat li kull żieda fl-ispiża li tikkonċerna l-ġulepp, iz-zokkor jew il-glukożju jew l-enerġija li ġiet rikonoxxuta fir-Regolament provviżorju (ara l-premessi (93) u (96) tiegħu) mhijiex is-sors tal-ħsara tal-industrija Komunitarja bħalma tkun f'sitwazzjoni normali tas-suq, u l-industrija Komunitarja setgħet għaddiet dawn l-ispejjeż miżjuda għall-inqas sa ċertu punt lill-klijenti tagħha. Madankollu, l-investigazzjoni wriet il-preżenza akbar ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija Komunitarja b'mod sinifikattiv. Għaldaqstant, kif ġie ddikjarat fil-premessa (84) tar-Regolament provviżorju kien hemm dipressjoni fil-prezzijiet u l-industrija Komunitarja setgħet tgħaddi biss frazzjoni taż-żidiet fl-ispiża tagħha stess lill-klijenti tagħha, u dan wassal għad-deterjorament tal-qagħda finanzjarja u għal aktar telf fis-sehem tas-suq.

(62) Fl-aħħar nett, ta' min isemmi li l-investigazzjoni wriet li l-ispejjeż Ċiniżi tal-produzzjoni ta' aċidu ċitriku kienu żdiedu wkoll. Dawn l-ispejjeż miżjuda madankollu ma sarrfux fi prezzijiet ogħla ta' bejgħ, iżda għall-kuntrarju, il-prezzijiet unitarji tal-bejgħ saħansitra naqsu b'sitt punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat kif muri fil-premessa (63) tar-Regolament provviżorju.

(63) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu rifjutati u l-premessi (88) sa (99) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

(c) *Il-kartell ta' prezzijiet tal-industrija Komunitarja*

(64) Xi partijiet interessati tennew id-dikjarazzjonijiet tagħhom li t-telf tas-sehem tas-suq għall-prodotturi Ewropej kien ikkawżat mill-istess prodotturi minħabba l-kartell tal-prezzijiet ta' aċidu ċitriku (1991-1995) fejn kemm il-kwerelant kif ukoll il-produttur Ewropew l-ieħor ipparteċipaw u li kien dikjarat li huwa r-raġuni tat-tisħiħ tal-importazzjonijiet Ċiniżi ta' aċidu ċitriku. Din l-allegazzjoni ma ġietx issostanzjata aktar u, għalhekk, ma biddlitx il-konklużjoni mfassla fil-premessa (100) tar-Regolament provviżorju li l-ispinta kbira lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping seħħet bosta snin wara li l-kartell ma baqax jeżisti.

(65) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, qed jiġi konkluż definittivament li l-konsegwenzi tal-prattiki antikompetittivi li fihom ħadet sehem l-industrija Komunitarja ma kkontribwewx għall-ħsara materjali mġarrba mill-industrija Komunitarja.

(d) *Iċ-ċaqliq fil-kambju*

(66) Xi partijiet interessati tennew id-dikjarazzjonijiet tagħhom li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-aċidu ċitriku Ċiniż matul il-PI kien fil-biċċa l-kbira dovut għar-rata tal-kambju sfavorevoli mid-dollaru US għall-euro, il-fatt li l-prezzijiet għal aċidu ċitriku ġeneralment huma espressi f'dollari US fis-swieq mondjali u d-diffikultà sabiex il-prezzijiet, li ġeneralment jiġu nnegozjati kull sena, jiġu aġġustati għall-qagħda ġdida tal-munita.

(67) Qed jitfakkar li fil-premessa (104) tar-Regolament provviżorju, l-impatt ta' kull ċaqliq fil-kambju ma jitqiesx li huwa sinfikanti għax anki jekk l-iżvalutar tad-dollaru US meta mqabbel mal-ewro bejn l-2004 u l-PI li kien jammonta għal 4,97 %, wara l-irfinar tal-kalkoli provviżorji, kellu jitwarrab għal kollox, xorta kien ikun għad hemm tnaqqis ta' aktar minn 10 %.

(68) Għaldaqstant, qed jiġi kkonfermat definittivament li l-apprezzament tal-ewro fir-rigward tad-dollaru US ma kienx tali li jikser ir-rabta kawżali bejn il-ħsara stabbilita lill-industrija Komunitarja u l-importazzjonijiet konċernati. Id-dikjarazzjoni għandha, għalhekk, tiġi miċħuda.

3. **Il-konklużjoni dwar il-kawżalità**

(69) Fin-nuqqas ta' xi tagħrif jew argument ġdid u ssostanzjat, il-premessi (82) sa (110) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

(70) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni provviżorja ta' l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija Komunitarja u l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping hija b'dan definittivament konfermata.

G. **L-INTERESS KOMUNITARJU**

1. **L-iżviluppi wara l-perjodu ta' investigazzjoni**

(71) Kummenti dwar il-ħtieġa li jitqiesu ċerti żviluppi importanti li seħħew wara l-PI waslu kemm mingħand ċerti produttur tal-industrija Komunitarja kif ukoll mingħand produtturi esportaturi u importaturi li kkooperaw. Huwa nnotat li konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, it-tagħrif dwar id-dumping u l-ħsara relatat ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni, normalment, ma għandux jitqies. Madankollu, fid-dawl tal-istqarrija li saret fil-premessi (119) u (129) tar-Regolament provviżorju, tqies b'mod eċċezzjonali li hu meħtieġ li jinġabru *data* u tagħrif marbuta mal-perjodu wara Ġunju 2007 sa Lulju 2008.

(72) Xi partijiet interessati ddikjaraw li l-impożizzjoni ta' miżuri ma tkunx meħtieġa billi l-profittabilità tal-industrija Komunitarja kisbet livelli għolja wara l-PI minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u li s-suq kien irregola lilu nnifsu. Matul il-PI, kien hemm evidenza ta' dumping u ħsara u din il-ħsara kienet ikkawżata b'mod sinfikanti mid-dipressjoni fil-prezzijiet li toħroġ mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. L-istatistika tal-importazzjoni turi żieda medja fil-prezzijiet tal-bejgħ Ċiniżi ta' 12 % biss wara l-PI. Meta mqabbla mal-livell ta' tnaqqis ta' 16,54 %, misjub matul il-PI, jidher ċar li din iż-żieda mhijiex biżżejjed billi ma tkunx tippermetti lill-industrija Komunitarja żżid il-prezz tal-bejgħ tagħha għal livell sostenibbli mingħajr ma tirriskja li titlef aktar klijenti fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping. Fir-rigward tal-livell tal-prezzijiet tal-industrija Komunitarja, instab li l-industrija Komunitarja rnexxielha żżid il-prezzijiet tagħha b'mod moderat sa mill-ewwel kwart tal-2008 u dan jidher li tejjeb il-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja. Dawn iż-żidiet fil-prezzijiet jinsabu, madankollu, f'korrelazzjoni mill-qrib u f'waqtha mal-bidu ta' dan il-proċediment u għalhekk jidher li l-qagħda tal-industrija Komunitarja setgħet tjiebet minħabba l-miżuri anti-dumping potenzjali fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ. Għaldaqstant ġie konkluż li ma kien hemm l-ebda awtoregolazzjoni tas-suq, jew l-awtoregolazzjoni ma kinitx biżżejjed sabiex l-impożizzjoni ta' miżuri ma tkunx meħtieġa. Għaldaqstant, l-argument għandu jitwarrab.

2. **L-interess tal-industrija Komunitarja**

(73) Fin-nuqqas ta' xi tagħrif jew argument ġdid u ssostanzjat fir-rigward tal-interess tal-industrija Komunitarja, il-konklużjoni meħuda fil-premessi (112) sa (115) tar-Regolament provviżorju dwar l-interess tal-industrija Komunitarja huma b'dan definittivament konfermata.

3. **Il-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista**

(74) Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati tennew id-dikjarazzjoni tagħhom li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun tnaqqas b'mod sinfikanti l-kompetizzjoni fis-suq Ewropew u toħloq sitwazzjoni duwopolistika fis-suq. Jitqies, madankollu, li fid-dawl tal-pożizzjoni b'saħħitha fis-suq miksuba mill-produtturi esportaturi Ċiniżi matul dawn l-aħħar snin, l-impożizzjoni ta' miżuri ma għandhiex tgerrixhom mis-suq Komunitarju, iżda sempliċement toħloq mill-ġdid kundizzjonijiet ekwi li jippermettu lill-industrija Komunitarja u lill-produtturi esportaturi Ċiniżi jikkompetu b'termini ugwali. Barra minn hekk, żieda raġonevoli fil-prezzijiet fis-suq Komunitarju tista' tassew tattira aktar importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra bil-produzzjoni tagħhom stess, bħall-Iżrael u l-Amerika t'Isfel li x'aktarx kienu inqas interessati li jesportaw lejn suq bi prezzijiet imnaqqsa.

(75) Min-naħa l-oħra, jekk ma jiġux imposti l-miżuri antidumping, ma jistax jiġi eskluż li l-industrija Komunitarja jkollha twaqqaf l-attivitajiet ta' manifattura tagħha għal dan in-negozju partikolari, li jwassal għax-xenarju oppost, jiġifieri għal pożizzjoni dominanti tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

(76) Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati ddikjaraw ukoll li jekk l-importazzjonijiet Ċiniżi jieqfu minħabba l-impożizzjoni tal-miżuri, is-sigurtà tal-provvista tkun fil-periklu għax l-industrija Komunitarja ma tistax tissodisfa d-domanda fis-suq tal-UE anki jekk iż-żewġ produtturi jkunu jipproduċu b'100 % tal-kapaċità tagħhom. Dan ikun aggravat mill-fatt li qed jitbassar li d-domanda ta' aċidu ċitriku saħansitra se tiżdied bl-effetti tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-deterġenti ([1]). F'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tintrabat li twettaq reviżjoni dwar l-użu ta' fosfati fid-deterġenti u fuq il-bażi tar-riżultati, li tippreżenta proposta għal azzjoni xierqa. B'segwitu għal dan l-obbligu, il-Kummissjoni ppreżentat rapport, iżda għadha ma pproponiet l-ebda azzjoni. Madankollu, anki jekk il-fosfati jiġu pprojbiti għal kollox mill-industrija tad-deterġenti, is-sostituti ewlenin tagħhom huma żeoliti u fi kwantità iżgħar l-aċidu ċitriku biss.

(77) Barra minn hekk, diversi fatti jikkontradixxu s-suppożizzjoni li l-importazzjonijiet Ċiniżi jistgħu jieqfu tassew.

— L-istatistika tal-importazzjoni turi li l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu bi 17 % matul it-12-il xahar wara l-PI, filwaqt li wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji dawn baqgħu f'livell sostanzjali, u dehru biżżejjed sabiex jiggarantixxu s-sigurtà tal-provvista fl-UE.

([1]) ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1.

— L-investigazzjoni wriet kapaċità żejda ta' xi produtturi esportaturi fiċ-Ċina li hija indikazzjoni li l-importazzjonijiet Ċiniżi fis-suq tal-UE mhumiex se jieqfu, b'mod partikolari jekk l-Istati Uniti jimponu miżuri kontra r-RPĊ, fil-qafas tal-investigazzjoni anti-dumping tal-Istati Uniti.

(78) Barra minn hekk, l-industrija Komunitarja ħabbret li se tieħu miżuri xierqa sabiex iżżid il-kapaċità ta' produzzjoni tagħha. Il-kwerelant ħabbar li se jżid il-kapaċità ta' produzzjoni tiegħu b'mod sinfikanti. Skont l-istqarrija għall-istampa li ħarġet f'Lulju 2008, dawk il-kapaċitajiet addizzjonali għandhom ikunu kompletament disponibbli minn nofs l-2009 bl-ewwel żieda tkun diġà disponibbli f'Jannar 2009. Dan għandu tassew jikkontribwixxi sabiex jissodisfa d-domanda fl-UE. Huwa nnotat ukoll li l-produttur Komunitarju l-ieħor ħabbar f'Awwissu 2008, li se jagħlaq is-sit ta' produzzjoni tiegħu fiċ-Ċina sal-ewwel kwart tal-2009 u li se jiffoka fuq is-sit ta' produzzjoni tiegħu fil-Komunità.

(79) Barra minn hekk, livell ta' prezzijiet aktar attraenti fis-suq tal-UE x'aktarx li jżid ukoll l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u b'dawk is-sorsi alternattivi, il-provvista tidher li hija aktar sigura bħallikieku l-utenti jiddependu biss fuq l-aċidu ċitriku Ċiniż. Matul it-12-il xahar wara l-PI, l-importazzjonijiet mill-Iżrael pereżempju żdiedu bi 30 %.

(80) Għaldaqstant jidher li l-impożizzjoni tal-miżuri ma għandhiex tgerrex lill-produtturi esportaturi Ċiniżi mis-suq, iżda minflok tohloq mill-ġdid kundizzjonijiet ekwi li jiżguraw is-sorsi alternattivi ta' provvista.

4. **L-interess ta' importaturi mhux relatati**

(81) Xi partijiet interessati ddikjaraw li minħabba t-teħid ta' kampjuni, il-Kummissjoni rċeviet biss ir-riżultati għall-akbar importaturi fl-Ewropa, u għalhekk ma għandhiex tagħrif dwar l-effetti tad-dazji fuq il-maġġoranza qawwija tal-importaturi żgħar u ta' daqs medju. Madankollu, l-ebda parti ma qajmet oġġezzjoni kontra l-kampjun magħżul u, għalhekk, il-kampjun jitqies li hu rappreżentattiv għall-importaturi kollha.

(82) Billi l-aċidu ċitriku, bħala medja, jikkostitwixxi biss 1 % tad-dħul totali tal-importaturi, hu mistenni li l-effetti ta' dazju tal-anti-dumping se jonqsu fir-riżultati ġenerali tal-kumpaniji.

(83) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra mill-importaturi, il-konklużjonijiet meħuda fil-premessi (116) sa (120) tar-Regolament provviżorju huma b'dan definittivament konfermati.

5. **L-interess tal-utenti**

(84) Wara l-istadju provviżorju, il-Kummissjoni intensifikat l-investigazzjoni fir-rigward tal-impatt possibbli tal-miżuri fuq l-utenti. Għal dan l-għan, intalab tagħrif addizzjonali mill-utenti u l-assoċjazzjonijiet nazzjonali u saret żjara ta' verifika addizzjonali fl-istabbiliment ta' utent Komunitarju wieħed.

(85) It-tagħrif li wasal jikkonferma l-konklużjoni provviżorja, imsejsa fuq it-tweġibiet mhux kompluti tal-utenti għall-kwestjonarju kif imsemmi fil-premessi (121) u (122) tar-Regolament provviżorju, li l-effett tal-aċidu ċitriku fl-ispiża totali tal-produzzjoni tal-utenti huwa relattivament moderat. Filwaqt li l-parti tal-aċidu ċitriku fl-ispiża tal-produzzjoni tal-utenti tiddependi naturalment fuq il-prodott, instab li ġeneralment tvarja bejn inqas minn 1 % u 20 %. It-tagħrif addizzjonali msemmi ħawn fuq ikkonferma wkoll il-konklużjonijiet provviżorji li dazju fil-livell tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz ikollu effett limitat ħafna fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-utenti li kkooperaw. Wara l-iżvelar definittiv, tnejn mill-utenti industrijali ewlenin tal-aċidu ċitriku argumentaw li l-aċidu ċitriku jirrappreżenta proporzjon għoli f'xi whud mill-prodotti tagħhom u, għalhekk, l-effett tad-dazji jkun sinfikanti għalihom. L-ewwel nett, ta' min jinnota li ż-żewġ utenti jipproduċu firxa wiesgħa ta' prodotti li fihom l-aċidu ċitriku jintuża fi proporzjonijiet differenti. It-tieni, fuq il-bażi tad-data ppreżentata, ma setgħax jiġi pprovat li dawk l-utenti biegħu prinċipalment dawk il-prodotti fejn l-ispiża tal-aċidu ċitriku kienet aktar importanti. Fl-aħħar nett, l-argument ma ġiex issostanzjat aktar b'xi data addizzjonali. Għaldaqstant, dan l-argument ma setgħax jintlaqa'.

6. **Il-konklużjoni dwar l-interess Komunitarju**

(86) L-analiżi addizzjonali ta' hawn fuq rigward l-interess tal-importaturi u tal-utenti fil-Komunità ma biddlitx il-konklużjonijiet provviżorji f'dan ir-rigward. Anki jekk f'ċerti każijiet ikun jeħtieġ li l-piż jingħadda kollu fuq l-importatur/utent, kull impatt finanzjarju negattiv fuq dawn tal-aħħar f'kull każ ma jkunx sinifikanti. Fuq il-bażi ta' dan, jitqies li l-konklużjonijiet rigward l-interess Komunitarju kif stabbilit fir-Regolament provviżorju baqgħu l-istess. Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra, dawn huma għalhekk b'dan definittivament konfermati.

H. **MIŻURI DEFINITTIVI**

1. **Il-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara**

(87) Bosta partijiet interessati kkontestaw il-livell tal-marġni ta' profitt użat provviżorjament u ddikjaraw li l-profitt ta' 9 % huwa eċċessiv, filwaqt li argumentaw li l-industrija Komunitarja matul il-perjodu kkunsidrat qatt ma kisbet realment dan il-livell ta' profitt. Huwa rikonoxxut li tabilħaqq produttur Komunitarju wieħed biss kiseb dan il-livell ta' profitt fin-nuqqas ta' dumping, jiġifieri fl-2001, filwaqt li l-ieħor ma għamilx hekk. Il-metodoloġija wżata sabiex jiġi determinat il-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara ġie għalhekk eżaminat mill-ġdid u tqies li jkun aktar xieraq li tintuża bħala marġni ta' profitt il-medja differenzjata tal-marġni ta' profitt li nkisbet miż-żewġ produtturi Komunitarji fl-2001, jiġifieri 6 %.

(88) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, huwa konkluż li l-industrija Komunitarja tista' b'mod raġonevoli tistenna li tikseb marġni ta' profitt ta' qabel it-taxxa ta' 6 % fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u dan il-marġni ta' profitt kien użat fil-konklużjonijiet definittivi.

(89) Il-prezzijiet ta' importazzjoni Ċiniżi tqabblu, għall-PI, mal-prezz mingħajr ħsara tal-prodott simili mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju. Il-prezz mingħajr ħsara nkiseb billi ġie aġġustat il-prezz tal-bejgħ tal-industrija Komunitarja sabiex jirrifletti l-marġni ta' profitt, kif ġie rivedut issa. Id-differenza li tirriżulta minn dan il-paragun, meta espressa bħala perċentwal tal-valur totali CIF, kienet tammonta għal firxa bejn 8,3 % u 42,7 % għal kull kumpanija, jiġifieri anqas mill-marġni ta' dumping misjub, għajr għal kumpanija waħda.

2. **Il-miżuri definittivi**

(90) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa dwar id-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess Komunitarju, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, dazju anti-dumping definittiv għandu jiġi impost fil-livell tal-marġnijiet l-aktar baxxi ta' dumping u ta' ħsara misjuba, konformement mar-regola ta' inqas dazju. Fil-każijiet kollha minbarra wieħed, ir-rata tad-dazju għandha tkun stabbilita fil-livell tal-ħsara misjuba.

(91) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, id-dazji definittivi għandhom ikunu kif ġejjin:

Produttur esportatur	Dazju anti-dumping propost (%)
Anhui BBCA Biochemical Co., Ltd	35,7
DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd	8,3
RZBC Co. Ltd	36,8
RZBC (Juxian) Co. Ltd	36,8
TTCA Co., Ltd	42,7
Yixing Union Biochemical Co. Ltd	32,6
Laiwu Taihe Biochemistry Co. Ltd	6,6
Weifang Ensign Industry Co. Ltd	33,8
Il-kumpaniji l-oħra kollha	42,7

3. **Il-forma tal-miżuri**

(92) Matul l-investigazzjoni, sitt produtturi esportaturi fir-RPĊ offrew impenji ta' prezzijiet aċċettabbli konformement mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.

(93) Il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni 2008/899/KE [1], aċċettat dawn l-offerti ta' impenn. Il-Kunsill jagħraf li l-offerti ta' impenn jeliminaw l-effett ta' ħsara tad-dumping u jillimitaw għal grad suffiċjenti r-riskju ta' evażjoni.

(94) Biex il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tad-dwana jkunu jistgħu jissorveljaw b'mod effettiv il-konformità tal-kumpaniji mal-impenji, meta tiġi ppreżentata t-talba lill-awtorità rilevanti tad-dwana għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-eżenzjoni mid-dazju anti-dumping għandha tiddependi (i) mill-preżentazzjoni ta' fattura ta' impenn, li tkun fattura kummerċjali li jkollha mill-anqas l-elementi msemmija u d-dikjarazzjoni stipulata fl-Anness; (ii) mill-fatt li l-prodotti importati jiġu manifatturati, mibgħuta u mogħnija b'fattura direttament mill-kumpaniji msemmija lill-ewwel konsumatur indipendenti fil-Komunità; u (iii) mill-fatt li l-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jaqblu preċiżament mad-deskrizzjoni tal-fattura tal-impenn. Fejn il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jintlaħqux għandu japplika d-dazju anti-dumping xieraq fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

[1] Ara l-paġna 62 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(95) Kull meta l-Kummissjoni, konformement mal-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku, tirtira l-aċċettazzjoni tagħha ta' impenn, b'segwitu għal ksur, billi tirriferi għal tranżazzjonijiet partikolari, u tiddikjara l-fatturi rilevanti tal-impenn bħala invalidi, għandu japplika debitu doganali fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' dawn it-tranżazzjonijiet.

(96) L-importaturi għandhom ikunu konxji li jista' japplika debitu doganali, bħala riskju normali tal-kummerċ, fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera kif deskritt fil-premessi (94) u (95) anki jekk impenn offrut mill-manifattur li qed jixtru mingħandu, direttament jew indirettament, kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni.

(97) Konformement mal-Artikolu 14(7) tar-Regolament bażiku, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni kull meta jinstabu indikazzjonijiet ta' xi vjolazzjoni tal-impenn.

(98) Minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-impenji offruti mill-produtturi esportaturi huma għalhekk kunsidrati aċċettabbli mill-Kummissjoni u l-kumpaniji kkonċernati ġew mgħarrfa bil-fatti, kunsiderazzjonijiet u obbligi essenzjali li fuqhom hija msejsa l-aċċettazzjoni.

(99) Fil-każ ta' ksur jew irtirar tal-impenji jew fil-każ ta' rtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenji mill-Kummissjoni, id-dazju anti-dumping li ġie impost mill-Kunsill konformement mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku għandu japplika awtomatikament taħt l-Artikolu 8(9) tiegħu.

I. ĠBIR DEFINITTIV TAD-DAZJU PROVVIŻORJU

(100) Fid-dawl tal-kobor tal-marġni ta' dumping misjub u minħabba l-livell tal-ħsara kkaġunata lill-industrija Komunitarja, jitqies meħtieġ li l-ammonti assigurati permezz tad-dazju ta' anti-dumping provviżorju impost mir-Regolament provviżorju għandhom jinġabru b'mod definittiv sal-limitu tal-ammont ta' dazji definittivi imposti. Billi r-rati ta' dazju definittiv huma aktar baxxi mid-dazju provviżorju, l-ammonti assigurati provviżorjament li jaqbżu r-rata definittiva tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa b'dan impost dazju anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku u taċ-ċitrat tat-trisodju li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2918 14 00 u ex 2918 15 00 (Kodiċi TARIC 2918 15 00 10) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett u liberu mal-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping (%)	Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC
Anhui BBCA Biochemical Co., Ltd – Nº 73, Daqing Road, Bengbu City 233010, Provinċja ta' Anhui, RPĊ	35,7	A874
DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd – West Side of Jincheng Bridge, Wuxi 214024, Provinċja ta' Jiangsu, RPĊ	8,3	A875
RZBC Co., Ltd – Nº 9 Xinghai West Road, Rizhao, Provinċja ta' Shandong, RPĊ	3,8	A876
RZBC (Juxian) Co. Ltd, West Wing, Chenyang North Road, Ju County, Rizhao, Provinċja ta' Shandong, RPĊ	36,8	A877
TTCA Co., Ltd – West, Wenhe Bridge North, Anqiu City, Provinċja ta' Shandong, RPĊ	42,7	A878
Yixing Union Biochemical Co., Ltd – Economic Development Zone Yixing City 214203, Provinċja ta' Jiangsu, RPĊ	32,6	A879
Laiwu Taihe Biochemistry Co. Ltd, No. 106 Luzhong Large East Street, Laiwu, Provinċja ta' Shandong, RPĊ	6,6	A880
Weifang Ensign Industry Co. Ltd, The West End, Limin Road, Changle City, Provinċja ta' Shandong, RPĊ	33,8	A882
Il-kumpaniji l-oħra kollha	42,7	A999

3. Minkejja l-ewwel subparagrafu, id-dazju anti-dumping definittiv ma għandux japplika għal importazzjonijiet rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera konformement mal-Artikolu 2.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali li huma fis-seħħ.

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet dikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera li huma mogħnija b'fattura minn kumpaniji li l-impenji tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom tniżżlu fid-Deċiżjoni 2008/899/KE, li minn żmien għal żmien jiġu emendati, għandhom jiġu eżentati mid-dazju anti-dumping impost bl-Artikolu 1, bil-kundizzjoni li:

(a) dawn jiġu manifatturati, mibgħuta u mogħnija b'fattura direttament mill-kumpaniji msemmija lill-ewwel konsumatur indipendenti fil-Komunità; u

(b) dawn l-importazzjonijiet huma akkumpanjati minn fattura tal-impenn li hija fattura kummerċjali li fiha tal-anqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament; u

(c) il-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jaqblu eżattament mad-deskrizzjoni fuq il-fattura tal-impenn.

2. Għandu jitħallas debitu doganali fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera:

(a) kull darba li huwa stabbilit, fir-rigward ta' importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet elenkati f'dak il-paragrafu mhumiex sodisfatti; jew

(b) meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn konformement mal-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku f'Regolament jew Deċiżjoni li tirriferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara bħala invalidi l-fatturi rilevanti tal-impenn.

Artikolu 3

L-ammonti assigurati permezz ta' dazju anti-dumping provviżorju taħt ir-Regolament (KE) Nru 488/2008 għandhom jingħabru b'mod definittiv bir-rata ta' dazju definittiv impost konformement mal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. L-ammonti assigurati li jaqbżu l-ammont tad-dazju definittiv għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
H. NOVELLI

ANNESS

L-elementi li ġejjin għandhom jiġu indikati fil-fattura kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ tal-kumpaniji lill-Komunità ta' prodotti li huma suġġetti għall-impenn:

1. L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA PRODOTTI LI HUMA SUĠĠETTI GĦALL-IMPENN".

2. L-isem tal-kumpanija li toħroġ il-fattura kummerċjali.

3. In-numru tal-fattura kummerċjali.

4. Id-data tal-ħruġ tal-fattura kummerċjali.

5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li skontha l-prodotti fuq il-fattura għandhom jiġu rilaxxati mid-dwana fil-fruntiera Komunitarja.

6. Id-deskrizzjoni eżatta tal-prodotti, li tinkludi:

   — in-numru tal-kodiċi tal-prodott (NKP) użat għall-għan tal-impenn,

   — deskrizzjoni b'lingwa sempliċi tal-prodotti li jikkorrispondu man-NKP konċernat,

   — in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (KPK),

   — kodiċi Taric,

   — kwantità (li trid tingħata f'tunnellati).

7. Id-deskrizzjoni tat-termini ta' bejgħ, inkluż:

   — prezz għal kull tunnellata,

   — it-termini applikabbli tal-pagament,

   — it-termini applikabbli tat-twassil,

   — roħs u ribass totali.

8. L-isem tal-kumpanija li tagħmilha ta' importatur fil-Komunità li lilha l-kumpanija toħroġ direttament il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-prodotti suġġetti għal impenn.

9. L-isem tal-uffiċjal tal-kumpanija li ħareġ il-fattura kummerċjali u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

   "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn il-Komunità Ewropea tal-prodotti koperti minn din il-fattura qed isir fl-ambitu u konformement mal-kundizzjonijiet tal-Impenn offrut minn [KUMPANIJA], u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2008/899/KE. Niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett."